MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 429/2009

**Il-Pulizija
Vs
Marianne Cortis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Marzu, 2009, meta kienet ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil zewgha Nazzareno Cortis ghal wild taghhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(II) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja, izda lliberataha bla kundizzjoni, ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-25 ta' Novembru, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti, fil-qosor, jikkonsisti, fis-segwenti w cioe':-
Il-kwistjoni tal-access *pendente litem* jinghata meta l-partijiet ma jkunux izjed qed jikkoabitaw taht l-istess saqaf. Anzi fil-fatt, jekk wiehed jara l-artikoli 56 u 57 tal-Kodici Civili, l-kwistjoni tat-tfal tapplika meta jkun hemm sentenza. Huwa biss b'mod gurisprudenzjali illi meta l-partijiet jinfirdu *de facto* illi l-qorti taghti fl-ewwel lok ma' min ghandhom joqghodu t-tfal u ghand min ikunu fdati w fit-tieni lok x'inhuma l-hinijiet u l-granet tal-access.
Id-digriet illi jissemma ma jaqax taht dik il-klassifika ta' access *pendente litem* ghaliex il-partijiet kienu jorqdu w jqumu taht l-istess saqaf, kienu jkunu flimkien, is-sibtijiet il-missier kien jaqbad u jiehu lit-tifla w jehodha ghand ommu barra diversi okkazzjonijiet ohra meta t-tifla effettivament tkun id-dar. Ma kienx mehtieg l-ebda digriet ta' access sakemm il-partijiet kienu ghadhom taht l-istess saqaf.
Illi d-digriet illi fuqu qed jistrieh Nazzareno Cortis ma jikkostitwix d-dritt ta' access illi jista' jinkwadra taht l-artikolu 56 jew 57 tal-Kodici Civili.
Konsegwentement il-ligi penali ma tapplikax. Qed issir referenza ghas-sentenza "Il-Pulizija kontra Saliba" fejn din il-Qorti kienet interpretat illi dawn l-artikoli japplikaw bi precizjoni. F'dak il-kaz kien hemm talba ghall-manteniment ta' zewg persuni illi kellhom tarbija bejniethom pero' l-mara ma kienitx martu. Il-Qorti qalet li mhux applikabbli. Bl-istess ragunament u ghall-istess regoli, lanqas f'dan il-kaz m'huwa applikabbli l-kuncett ta' access u digriet ta' access li tahtu kienet akkuzata l-appellanti.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-lum;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Li trid tara din il-Qorti hu semplicement jekk fil-jiem u hinijiet ordnati b’ Digriet tal-Qorti kompetenti, nghatax l-access ordnat minghajr xkiel u ostakoli frivoli jew li jkunu motivati biss – hafna drabi – mill-piki bejn il-genituri.

F’ dan il-kaz partikolari rrizulta li fid-data msemmija fic-citazzjoni l-appellanti kienet irritornat bil-minuri Martha Cortis fid-9 p.m. u dan nonostante l-ordni tal-Qorti kontenuta fid-digriet tat-28 ta’ Novembru, 2008, li kien jistipula li l-minuri trid tkun fid-dar konjugali fil-5.30 p.m. u dan sakemm jigi deciz rikors iehor.

Illi dan id-digriet kien inghata in segwitu tar-rikors tal-missier fejn ippremetta li l-minuri kienet “*qeghda tinzamm allontanata mid-dar taghha w segregata minn missierha”* u kien ovvjament motivat mill-htiega li l-missier ikollu access xieraq ghall-istess minuri f’hin decenti tal-jum.

Ghalhekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan id-digriet ghandu jigi ekwiparat ma ordni ta’ Qorti li tordna access ghall-wild tal-parti jew l-ohra. Il-fatt li l-partijiet kien ghadhom jikkoabitaw u li *“ex lege”* kellhom “joint custody” tal-minuri, ma kienx jimpedixxi lill-Qorti li temana digriet li jirregola l-hin meta l-minuri tkun disponibbli ghal missier u cioe’ x’hin ikollu access ghall-istess minuri.
Ir-riferenza vaga ghall-kaz ta’ Saliba li saret mill-appellanti – apparti li ma hix preciza ghal dak li jirrigwarda l-occhio u ma taghtix indkazzjoni tad-data– jekk stess hija riferenza ghall-appelli kriminali fl-ismijiet “**Il-Pulizija vs. David Scerri”** [16.12.2003] jew “**Il-Pulizija vs. Jesmond Vella”** [12.10.2006] jew “Il-**Pulizija vs. David Falzon”** [12.10.2006], ma tattaljax ghal-kaz in ezami ghax hemm il-kwistjoni kienet jekk il-kliem testwali **tal-ligi Kriminali** fl-artikolu 338(z) kienx ukoll ikopri l-kaz fejn il-manteniment ikun dovut minn persuna li ma tkunx mizzewga mal-persuna l-ohra (u cioe’ ma tkunx ***“martu”*** jew ***“zewgha”*** li

tkun intitolata ghal tali manteniment. Hawn si tratta tal-artikolu 338 (ll) fejn din il-kwistjoni ma tqumx ghax il-ligi titkellem biss fuq persuna (mizzewga jew le ma dak li jkun) li tkun *"marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jaghti jew taghti access lil wild taht il-kustodja tieghu jew taghha".*

Ghalhekk din l-analogija ma treggix.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------